**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 23

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 22

23.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tnejn u għoxrin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

23.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

23.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsilliera Lorraine Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1.1 Is-Sur Dalli avża kif din il-ġimgħa l-kunsill kellu ftit problemi fi Triq Antonio Azzopardi dwar is- sinjali tal-parkeġġ. Fl-opinjoni tiegħu hemm diżatru u jidher li lanqas qatt ma kien hemm approvazzjoni waħda mingħand TM dwar l-istruttura ta' kif qiegħdin dawn il-linji. Għalhekk fil-jiem li ġejjien huwa qal li ser jikseb l-approvazzjoni u l-parir ta' TM bħal ma sar fl-inħawi ta' Tal-Mirakli, biex il-kunsill jimplementa mill-ġdid dawn is-sinjali skond ir-regolamenti tat-traffiku.

23.3.1.2 Dwar dan is-suġġett is-Sinjorina Lorraine Farrugia rrimarkat kif *double yellow* minnom li ġie friskat twal ħarira oħra ukoll u qishom tnaqsu xi tlett parkeġġi minħabba f'hekk. Qalet ukoll li wieħed mill-garaxxijiet li bħalissa faċċata tiegħu hemm id-*double yellow lines*, illum il-ġurnata qed jintuża bħala *store,* fejn is-sid idaħħal xi kartun u njam. F'dan il-każ hija għamlet domanda fejn staqsiet jekk id-*double yellow line* faċċata ta' dan il-garaxx għandhux jitneħħa peress li l-garaxx huwa sempliċiment *store*.

23.3.1.3 Is-Sindku qal li biex ikollok permess ta' dak it-tip ta' *double yellow line* jrid ikollok permess mingħand TM u permessi m'hemmx għax minn naħa tal-amministrazzjoni diġa saret it-tfittixija dwar dan. Issa huwa ser jieħu ħsieb jagħmel investigazzjoni jekk hemm bżonn anke bil-pulizija, biex dawn il-linji jsiru mill-ġdid, sewwa u kif suppost.

23.3.2 Is-Sur Dalli nfurma lil kunsilliera kif ir-Reġjun Ċentru se jagħmel tajjeb finanzjarjament biex jitwaħħal screen kbir fuq stand biex il-pubbliku jiġi mħeġġeġ aktar iżur is-sit tal-proġett li riċentament sar ta' Spinning photos tat-360 degrees, fejn mill-kumdita ta daru l-pubbliku jista jara dan il-progett u dak kollu li hemm fil-knejjes parrokjali tat-13-il lokalita li jagħmlu parti mir-Reġjun Ċentru. Dan l-iscreen aktarx ser jitwaħħal fil-knisja parrokjali ta' Ħal Lija fix-xahrejn li ġejjien.

23.3.3 Is-Sur Dalli qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jippreparaw applikazzjoni biex biex tiġi restawratha minn barra l-Kappella tat-Twelid tal-Madonna jew kif nafuha, Il-Madonna tal-Belliegħa fi Triq Mabel Strickland, bi fondi li reġgħu ħarġu riċentament mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt l-iskema ta' Restawr ta' postijiet jew monumenti storiċi f'Malta. Is-Sur Dalli żied jgħid li l-Kappillan qed iġib il-permessi meħtieġa mill-kurja u kif il-kunsill jingħata l-approvazzjoni neċessarja mingħandu din l-applikazzjoni ser tiġi sottomessa, peress li trid tasal sa nofs Frar 2021.

23.3.4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett ta' slow streets fejn ippropona xi ideat li jistgħu jsiru għar-raħal inkonnessjoni ma' dan il-proġett. L-ewwel ħsieb tiegħu huwa li b'permezz ta' dan il-proġett il-kunsill japplika għal marki ta' 20kmph u marki 'SLOW' fil-qalba tal-lokalita u kif ukoll marki b'limitu ta' 30 kmph fit-toroq l-oħra kollha tal-lokal. It-Tieni huwa propona biex b'dawn il-fondi l-kunsill jsib mezz kif inaqqas it-traffiku mill-lokal. Hu żied jgħid kif il-kunsill jista jaħseb biex eżempju joħroġ tender għall-kiri ta' mini-bus jew biex jidħol is-servizz tal-MPT fir-raħal, dan biex l-anzjani faċilment ikunu jistgħu jittieħdu Mater Dei, il-klinika ta' B'Kara u anke biex jieħdu servizz bankarju f'ħinijiet partikulari bejn it-Tnejn u s-Sibt. Li kieku dan is-servizz ikun qiegħed inaqqas vetturi privati mit-toroq dojoq tar-raħal u ta' familjari li jiġu minn irħula oħra biex jgħinu lil dawn l-anzjani. Dan ukoll ikun qed ineħħi l-periklu ta' traffiku

eċċessiv mit-toroq għal dawk it-tfal li jkunu sejrin kemm l-iskola primarju u anke dawk tal-*kindergarden.* Is-Sur Dalli kompla jipproponi kif il-kunsill jista wkoll japplika biex xi toroq fir-raħal isiru pedonali bħal ma l-kunsill diġa tkellem fuq preparamenti simili bħal dawn fi Triq Enejja.

23.3.4.2 Dwar dan is-suġġett u l-proponiment li għamel is-sindku fuq is-servizz ta' mini bus, is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk din il-proposta għandix x'taqsam mas-sistema tat-tuktuk. Is- Sur Dalli wieġeb li le u li din kieku tkun xi ħaġa differenti, bħala nizjattiva tal-kunsill.

23.3.4.3 Il-Kunsilliera qablu mal-proposti li ressaq is-sur Dalli.

23.3.5.1 Is-Sur Dalli fakkar lil kunsilliera kif xi żmien ilu kienu tkelmu dwar iż-żewġ fanali li hemm fit-tarf taz-zuntier. Huwa spjega kif il-fanal ta' fuq huwa f'idejn l-enemalta u t-tlieta ta' isfel huma responsabbilita tal-Knisja. Is-Sur Dalli qal kif il-fanali taż-żewġ naħat fihom ħsarat estensivi fejn jidħol *wiring, holders* u anke hemm xi *arms* tal-globi li jridu jinqalgħu għax hemm bżonn ta' *welding*. Huwa qal kif dan hu xogħol li jistgħu jieħdu f'idejhom Frankie u Marco u dawn infatti diġa kkonfermawlu li spejjeż kbar m'hemmx, xi Eur 500 b'kollox. Pero biex tkun tista tissewwa l-ħsara b'mod sew hemm spejjeż oħra nvoluti bħal trasport, crane jew cherrypicker biex dawn il-fanali jiżżarmaw u jerġgħu jitpoġġew f'posthom u ix-xogħol tal-*welding* irid isir mingħand xi ħadd privat ukoll. Is-sur Dalli spjega kif il-kwistjoni hija li jekk dawn jibqgħu kif inhuma, l-kunsill qed jidher ikrah u l-ħsara trid tissewwa, minkejja li l-ispejjeż l-oħra jaf ikunu ta' ammonti daqsxejn kbar.

23.3.5.2 Fuq il-punt tal-ispejjeż is-sinjorina Lorraine Farrugia sostniet biex jinġiebu tlett kwotazzjonijiet kif sissa dejjem talab il-kunsill għall kull tip ta' servizz u biex anke forsi jinstab xi benefattur ġeneruż biex jgħin lil kunsill b'din l-ispiża. Is-sindku aċċertaha li l-kunsill ser jimxi mal-linji gwida tal-*procurement* u ser jinġiebu tlett kwotazzjonijiet kif mitlub, fejn tintgħażel l-irħas kwotazzjoni umbgħad. Huwa żied jgħid li kemm il-darba xi ħadd mill-kunsilliera jaf b'xi benefattur mhu ser ikun ġara xejn jekk dan jiġi mistoqsi jekk jistax jagħti l-għajnuna lil kunsill anzi huwa ferm aħjar. Tqajjem il-punt ukoll jekk il-Kappillan għandux jerfa parti mill-ispejjeż, pero s-Sindku l-Kunsilliera kollha kkonkludew li l-kappillan dan l-aħħar kien anke qed jikri s-sala lil kunsill b'xejn għal xi laqgħat u allura ta' dan il-pjaċir ma jkunx xieraq jintalab joħroġ l-ispejjeż u għandu jkun l-kunsill issa li jgħin lil kappillan. Is-Sindku ser iżżom lil kulħadd aġġornat bi żviluppi kkonċernati ma dan il-punt u l-ispejjeż marbuta.

## 23.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 23.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport finali ta' l-Estimi Finanzjarji (*budget*) għas-sena 2021

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja finali tar-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2021 li ġie preparat bl-għajnuna tal-*accountant*. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħatet b'imejl lil kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Preżenti waqt din il-laqgħa kien hemm l-*accountant* tal-kunsill li tkellem fuq dan ir-rapport.

23.5.2 Is-Sur Dalli stieden lil accountant, is-Sur Kevin Incorvaja biex jitkellem fuq ir-rapport.

23.5.3 L-*accountant* is-Sur Incorvaja qal li qed jiġi estimat li l-kunsill ser ikollu dħul totali ta' €353,525. Dan id-dħul jikkonsisti minn €309,525 allokazzjoni mill-Gvern Lokali, €4,000 minn bye-laws, €10,000 minn LES u dħul ieħor ta' €30,000. L-*accountant* spjega wkoll kif il-kunsill għadu qed jiġri wara diversi entitajiet mingħand minn baqalu jirċievi xi dħul ta' flus, fosthom Wasteserv li għadha ma tatx rimborż lil kunsill tal-ġbir tal-iskart organiku. Wasteserv għadt għandha pagamenti pendenti x'jintbgħatu lil kunsill mill-aħħar tas-sena 2019.

23.5.4 Il-Kunsill Lokali ser ikollu wkoll nefqa totali ta' €368,551. Din in-nefqa tikkonsisti minn €104,271 salarji, pagi u *allowances*, €200,894 għal servizzi mgħottija minn kuntratturi u manutenzjoni fir-raħal, €55,271 għal servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni u nfiq ġenerali ieħor ta' €8,115.

23.5.5 L-*accountant* fisser li l-kunsill lokali ser ikollu *deficit* ta' €15,026 għas-sena 2021 u l-FSI ser tkun ta' 85%.

23.5.6 Wara l-ispjegazzjoni li ta l-*accountant*, is-Sur Dalli staqsa lil kunsilliera jekk għandhomx xi mistoqsijiet. Mistoqsijiet ma kienx hemm u dan ir-rapport ġie unanimament approvat fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 23.6 Korrispondenza

23.6.1 Il-Kunsilliera għamlu domandi fuq diversi imejls u ttri li kienu mniżżla fir-rapport tal-korrispondenza, iżda s-sur Dalli ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv kif mhux il-bżonn li dawn id-domandi jitniżlu kollha fil-minuti peress li ħafna mill-imejls/ ittri li ntalbu l-klarifikazzjonijiet dwarhom m'humiex ta' materja daqshekk importanti anzi pjuttost sempliċi u ċari mmens.

23.6.2 Il-Minority Leader, Lorraine Farrugia għamlet domanda dwar korrispondenza nru 0014/21. Is-Sur Dalli wieġeb kif dik il-korrispondenza għandha x'taqsam max-xogħol riċenti li sar ta' *patching* fi Triq il-Mitħna. Waqt li kien qed isir dan il-*patching* tar xi materjal mal-faċċatta ta' residenza partikulari u ġara li tħallew xi dbajja, allura ntbgħatet imejl lil perit tal-kunsill li ċċertifika x-xogħol biex dan jinforma lil kuntrattur u jneħħi d-dbajja minn ma' din il-faċċata.

## 23.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

23.7.1.1 <u>Approvazzjoni tal-Performance reports tal-ħaddiema klerikali u Segretarju Eżekuttiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal reports* tal-impjegati għas-sena 2020, għall-approvazzjoni tas-sindku u l-kunsilliera.

23.7.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li għas-sena 2020 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati erbgħa (4) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020;
- Tas-Sinjura Audrey Pace fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' uffiċċjal eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020;
- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' skrivan għal perjodu minn Ġunju sa Diċembru 2020; u
- Tas-Sinjorina Pamela Borg fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' segretarju eżekuttiv għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020.

23.7.1.3 Bħala s-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg tkelmet fuq l-ewwel tlett *appraisal reports* u hija pproponiet li t-tlett impjegati; Dorianne Bonniċi Bondin, Audrey Pace u Diane Abela Penza jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal-*performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is- sena.

23.7.1.4 Il-Kunsill unanimament approva dan.

23.7.1.5 Wara dan is-Segretarju Eżekuttiv Pamela Borg ħarġet daqsxejn mill-laqgħa biex is-Sindku jressaq l-aħħar rapport, tas-sinjorina Borg fil-pożizzjoni tagħha ta' segretarju eżekuttiv.

23.7.1.6 Is-Sindku ddiskutha dan ir-rapport mal-kunsilliera u kif intemmet din id-diskussjoni s-Sinjorina Borg reġgħat ġiet imsejħa lura fil-laqgħa. Is-Sur Dalli nforma lis-Sinjorina Borg li l-kunsill unanimament approva l-*appraisal report* tagħha bi *full performance bonus* ta' 10%. Is-Sinjorina Borg irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera ta' dan u tal-apprezzament li huma juru fix-xogħol tal-amministrazzjoni mtella kemm minnha u kif ukoll mill-kumplament tal-impjegati.

23.7.2.1 <u>Approvazzjoni akkumular ta' VL tal-ħaddiema klerikali mis-sena 2020 għas-sena 2021</u>
F'isem il-ħaddiema klerikali, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' akkumular ta' VL, għal tiġdied mis-sena 2020 għas-sena 2021. Is-Sinjorina Borg qalet kif il-ħaddiema klerikali qed jitolbu jġeddu biss l-ammont massimu ta' ġranet, kif huma ntitolatli u għandhom dritt iġeddu skond kif spjegat fil-collective agreement tal-ħaddiema klerikali.

23.7.2.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

23.7.3.1 <u>SPI.SCI.1.2021 – Skema dwar restawr ta' Postijiet/ Monumenti Storiċi F'Malta 2020/2021</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lis-sindku u l-kunsilliera li d-dipartiment tal-Gvern Lokali għal darb oħra reġgħa ħareġ l-iskema ta' restawr fuq postijiet jew monumenti storiċi. Hija fakret kif fil-passat il-kunsill kien applika biex isir restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl fi Triq Sir Ugo Mifsud pero din l-applikazzjoni ma kienetx ġiet approvatha. Hija kompliet billi saqsiet lil kunsill jekk jixtieqx jerġa jiprova japplika u jekk iva saqsiet fuq liema post/monument ser issir l-applikazzjoni.

23.7.3.2 Kif diġa ġie diskuss fis-sezzjoni 'Komunikazzjoni tas-Sindku', is-Sindku ssuġġerrixxa li l-kunsill japplika għal kappella tal-Madonna tal-Belliegħa, bil-kunsens tal-kapillan.

23.7.3.3 Il-Kunsill kollu unanimament qabel li għandha issir applikazzjoni biex isir restawr fuq il-kappella tal-Madonna tal-Belliegħa.

23.7.4.1 <u>SPI.SCI.7.2020 – Espressjoni ta' interess – 'Smart Solutions' għall-Immaniġjar tal-iskart</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda l-iskema SPI.SCI.7.2020 biex il-kunsill ikun jista jkompli d-diskussjoni tiegħu dwarha. Hija fakret lil kunsill kif permezz ta' din l-iskema ser ikun qed jiġi allokat fond ta' €900,000 sabiex il-kunsilli lokali jkunu f'pożizzjoni li jsibu soluzzjonijiet ulterjuri u nnovattivi ta' kif wieħed jiddisponi mill-iskart bl-aktar mod effiċjenti. Dan biex ikun hemm aktar indafa fil-lokalitajiet. Il-kunsill lokali għandu ċans jissottometti l-applikazzjoni tiegħu sal-15 ta' Frar 2021 mar-Reġjun Ċentru, għalhekk is-sinjorina Borg talbet lil kunsill biex jieħdu deċiżjoni finali dwar il-proposta li jixtiequ jissottomettu biex hija tkun tista tiprepara l-applikazzjoni.

23.7.4.2 Is-Sur Dalli qal li riċenti huwa attenda għal webinar fuq l-iskart fejn minn dan il-webinar ħarġu xi ideat u xi pjanat jaf ikun hemm aktar il-quddiem fuq l-iskart madwar Malta. Huwa qal li l-kunsill m'għandux jitlef opportunita bħal din u ma japplikax u għalhekk ressaq xi proposti li fil-fehma tiegħu missu jwettaq il-kunsill taħt din l-iskema.

23.7.4.3 L-ewwel proposta li ressaq is-Sur Dalli hija li għandu jinstab sit ġewwa ir-raħal fejn jitpoġġew xi iBins u huwa qed jissuġġerrixi li dan is-sit ikun fi Triq Kardinal Ferretti viċin tal-i*stage*. Dwar dan is-Sinjorina Lorraine Farrugia minnufih ġibdet l-attenzjoni kif fil-passat diġa kien hemm iBins f'din it-triq u r-residenti tgħidx kemm kienu jilmentaw fuqhom speċjalment meta jintrema il-ħġieġ ħabba li l-ħoss, li nfatti dawn kellhom jitneħħew minn hemm. Is-Sur Dalli tenna kif dik hija storja tal-passat u din id-darba l-iBins ser ikunu aktar moderni bi CCTVs magħhom biex wieħed ikun jista jagħmel monitraġġ tagħhom ħalli appenna jimtlew dawn jitbatlu mal-ewwel. Huwa serraħ ras kulħadd li f'każ dawn l-iBins ma jibdewx jitbatlu mill-ewwel jew jġibu ħmieġ huwa ser jieħu ħsieb li jitneħħew minnufih. Barra minn hekk, dawn kieku jkunu qed jitpoġġew bi prova biex il-kunsill ikun jista jara x'ser ikun ir-riżultat tagħhom u s-sur Dalli qal li qabel jitpoġġew ser ikellem ukoll ir-residenti tal-akwata ħalli jara huma x'*feedback* għandhom.

23.7.4.4 It-tieni proposta tas-Sur Dalli hija, li kif diġa ġie msemmi fis-seduta preċedenti, kull nhar ta' Sibt tista tibda ssir ġabra speċjali għaż-żabra. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fil-passat il-kunsill għamel ħabta jiġbor żabriet tal-ħaxix kull nhar ta' Ħamis. Is-Sur Dalli reġgħa tenna li dak li kien issir fil-passat huwa storja differenti u llum l-ġurnata iż-żabra ma tistax tibqa ssir il-Ħamis. Il-ġbir taż-żabra ideali jsir is-Sibt meta n-nies normalment ikunu d-dar u jkollom ċans jagħmlu ż-żabriet.

23.7.4.5 It-tielet proposta tas-Sur Dalli hija li jkun hemm tibdil żgħir fl-iskeda tal-ġbir tal-iskart tal-lokal, fejn titnaqqas ġurnata oħra mill-ġbir tal-iskart tal-borża s-sewda u minnflokha tiżdied ġabra oħra tar-riċiklaġġ u b'hekk ir-riċiklaġġ jibda jinġabar darbtejn fil-ġimgħa.

23.7.4.6 Il-Kunsilliera kollha qablu mal-proposti tas-sur Dalli u f'każ li l-kunsill jista jissottometti proposta waħda mar-Reġjun Ċentru taħt din l-iskema, kien hemm qbil unanimu li l-ewwel preferenza tal-kunsill għandha tkun li titnaqqas ġurnata meta tinġabar il-borża s-sewda u minnflokk issir ġabra oħra tar-riċiklaġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser taħdem fuq din l-applikazzjoni mar-Reġjun Ċentru.

**Il-Ħin kien propju 18:00 hrs, meta l-Viċi Sindku Daniel Mallia, ġie skużat biex joħroġ mill-laqgħa.**

23.7.5.1 <u>Update dwar l-iskema LC CARE Project Grant Support scheme</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat daqsxejn ta' *update* żgħir dwar l-istadji ta' proċess ta' din l-iskema. Hija spjegat kif qiegħda fil-proċess li takwista tipi ta' kwotazzjonijiet differenti minn diversi entitajiet għal ikel tal-qtates, servizz ta' *vet* mediku u kif ukoll għal xiri ta' *kennels*.

23.7.5.2 Rigward is-servizz ta' *vet* mediku hija rnexxiela takwista tlett kwotazzjonijiet mingħand Happy paws, Dr Trevor Vet Clinic u Pets and Vets. Dawn il-kwotazzjonijiet intalbu biex jingħata prezz *per visit*, peress li affarijiet mediċi oħra li jkun hemm bżonn umbagħad ivarjaw skond il-bżonn mediku tal-qattus. L-irħas kwotazzjoni ta' *vet visit* hija ta' Happy Paws. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lil kunsill jekk japprovax din il-kwotazzjoni biex tara x'arranġamenti oħra hemm bżonn isiru mal-*vet* u tikkonferma li għal *vet* mhux problema li ma jitħallasx dak il-ħin mill-individwu u umbagħad jibgħat *invoice* dirett lil kunsill. Dan biex kemm il-darba jinstab kompromos ta' ħlas bejn il-*vet* u l-kunsill, jibdew jiġu utilizzati dawn il-fondi, peress li ħafna *cat feeders* għamlu domanda kbira għas-servizz tal-*vet*.

23.7.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk alijistajkun sarx kuntatt mal-isptar tal-annimali biex tingħata kwotazzjoni mingħandhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li le, din il-komunikazzjoni ma saritx. Għalhekk is-Sindku ta parir biex

tinġieb l-aħħar kwotazzjoni mingħand l-isptar tal-annimali ta' Qali u jekk din tkun aktar għolja minn tal-Happy paws, is-Segretarju Eżekuttiv ingħatat il-kunsens biex tmexxi bil-kwotazzjoni tal-Happy paws. Jekk jinzerta l-kwotazzjoni tal-isptar tal-annimali tkun irħas, is-Segretarju Eżekuttiv ser terġa tikkorispondi mal-kunsill dwar dan u ngħatat l-approvazzjoni li din il-korrispondenza tista ssir permezz tal-imejl, peress li ma jistax jkun hemm aktar dewmien minħabba li d-domandi għas-servizz ta' *vet* mediku hija kbira għal *cat feeders*.

23.7.5.4 Rigward is-servizz tal-ikel u l-*food vouchers*, is-sinjorina Borg qalet li wara ħafna *reminders* hija rnexxiela takwista tlett kwotazzjonijiet mingħand Farmina, Borg Cardona u Għargħur Petshop. Dawn il-kwotazzjonijiet intalbu biex jingħata prezz tal-ikel tal-qtates per kilo. L-irħas kwotazzjoni jidher li hija ta' Għargħur Petshop pero s-Segretarju Eżekuttiv tenniet li fejn jidħol l-ikel wieħed m'għandhux biss jikkunsidra l-prezz, iżda fil-fehma tagħha għandu anke jikkunsidra l-kwalita tal-ikel. Għalhekk hija talbet għal parir tal-kunsill jekk għandix tipproċedi bl-irħas prezz jew nkella tikkunsidra ukoll l-kwalita tal-ikel fuq parir ta' xi ħadd li jifhem fil-qtates, forsi jista jittieħed parir mingħand xi ħadd mill-*cat feeders.* Is-Sindku qabel mal-punt li qajmet is-Segretarju Eżekuttiv, billi qal li avviċinatu waħdu mill-*feeders* li din qaltlu biex meta l-kunsill ikun fil-proċess li jġib l-kwotazzjonijiet għall-ikel joqgħod attent x'jagħżel għax il-qtates ma jieklux kull tip ta' ikel. Għalhekk ser jittieħed parir dwar x'tip ta' ikel għandu jinxtara u l-kunsill ser jinżamm nfurmat bl-għażla addattatha. Fuq ix-xiri tal-ikel, is-Segretarju Eżekuttiv ukoll ingħatat il-kunsens biex kull tip ta' korrispondenza finali dwar dan tista tintbgħat bi imejl, peress li ukoll il-*feeders* ilhom jistaqsu meta ser jingħataw il *vouchers* tal-ikel.

23.7.5.5 Rigward ix-xiri ta' kennels, is-Sinjorina Borg qalet li sissa għadha ma rċeviet l-ebda kwotazzjoni tal-kennels minkejja diversi telefonati u imejls li hija bgħatet lil diversi kumpaniji. Hija ser tibqa tippersisti biex jintbgħatu dawn il-kwotazzjonijiet malajr kemm jista jkun ħalli l-fond allokat għax-xiri ta' dawn il-kennels jiġi utilizzat ukoll. Appena jkollna il-kwotazzjonijiet f'idejha s-sinjorina Borg ser tressaqhom fis-seduta li jkun jmiss.

23.7.5.6 Is-Sur Zahra ssuġġerrixxa li jiġi kkuntatjat xi ħadd li jaħdem l-injam biex jibni dawn il-*kennels*. Is-Sinjorina Borg qalet li l-aħjar ikunu *kennels* lesti mibnija għax iridu jkunu ta' ċertu *standard*, skond l-*agreement* iffirmat mal-Animal Welfare. Hija sostniet li biss biss il-*kennels* mhux ser jiġu ordnati jew mixtrija qabel ma jkollha f'idejha l-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni mingħand Animal Welfare li dawn il-kennels huma tajbin u addattati għal qtates. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġerriet isir kuntatt ma' *pet shop* partikulari li jinsab il-Mellieħa. Hija semgħat li dan il-*pet shop* għandu xelta vasta ta' *kennels* għal bejgħ. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja dwar dan.

23.7.6.1 <u>Implementazzjoni ta' aktar sinjali ta' 20km/hr – Proġett ta' *slow streets*</u>

Is-Sindku qed jissuġġerrixxi li jiġu mplementati aktar sinjali ta' '*SLOW*' u tabelli tal-ispeed ta' 20 km/hr fi Triq Annibale Preca u *speed limit signs* ta' 30 km/hr fi toroq oħra ġewwa r-raħal. Is-Sur Dall qed jissuġġerrixxi li din l-implementazzjoni issir bħala parti mill-proġett ta' '*Slow streets Project'*.

23.7.6.2 Kif diġa ġie diskuss fis-sezzjoni 'Komunikazzjoni tas-Sindku', dawn l-implementazzjonijiet reġgħu ġew approvati unanimament.

23.7.7.1 <u>Talba għal mera u żewġ parking bays fl-akwata ta' Ħalmann</u>

Tressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill biex tiġi nstallata mera u kif ukoll żewġ *parking bays* fl-akwata ta' Ħalmann ħdejn il-biċċa parti wiesgħa li hemm ħdejn tal-ambulanzi.

23.7.7.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u għandha tiġi sottomessa applikazzjoni ma' TM. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li l-importanti li bil-*parkings bays* ma tiġix ostakulatha it-triq umbgħad.

23.7.8.1 <u>Talba għall-patching quddiem is-Salvatur il-Qadim</u>

Tressqet talba biex isir patching quddiem is-salvatur il-qadim fejn il-ġnien ta' Karmnu.

23.7.8.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

23.7.9.1 <u>Talba għall-implementazzjoni ta' *bollards* fi Triq il-Kbira</u>

Qed issir talba minn residenta biex fi Triq il-kbira viċin tal-ambaxxata ġermaniża jiġu mplementati *bollards* għas-sigurta, wara aċċident li seħħ riċenti fejn intlaqtgħu xi gallariji.

23.7.9.2 Is-Sindku qal li fejn qed isir dan l-ilment m'hemmx bankina u *walking line* ma jagħmilx differenza, allura qed jiġi suġġerriet li jsiru *bollards* bħal ma diġa hemm viċin ta' Zammit Lewis. Is-Sur Dalli qal pero li trid issir kunsultazzjoni ma' TM qabel issir din l-implementazzjoni għaliex issa b'dawn il-*bollards* jaf tidjieq aktar it-triq u ma jixtieqx li jinħoloq xi nkonvenjent ieħor minħabba id-djuq. Il-Kunsill unanimament qabel li għandi ssir applikazzjoni ma' TM.

## 23.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjes oħra

23.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01/21 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €142.30 għax-xahar ta' Diċembru.

23.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 23.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

23.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ġewwa Ħal Lija jidher li ma kienx hemm. Kien hemm biss xi *fresh plans* fuq PA li l-kunsill kien oġġezzjona fuqu biex jissapportja lil kamra tan-nar, PA nru 0657/20 - *Proposed demolition of existing stables approved as per PA/04069/92 and construction of pet care center and grooming facilities within same footprint. Proposal to include installation of demountable boarding kennels and sanctioning of existing rubble wall,* fi sit fi Triq Giuseppe, Naxxar. It-Town plannar tal-kunsill ġiet avviċinata biex tagħti daqqa t'għajn ta' dawn il-*fresh plans* u tinforma lil kunsill f'każ li hemm xi tibdil.

23.9.2 Is-Sur Zahra talab kopja tal-oġġezzjoni li ssottometta l-kunsill u anke talab biex jinżamm infurmat b'kull tip ta' żvilupp. Is-Segretarju Eèkuttiv ser tieħu ħsieb tgħaddilu kopja tal-oġġezzjoni u assiguratu li l-kunsilliera kollha ser jinżammu nfurmati b'xi żviluppi, kif dejjem żammitom infurmati s'issa.

## 23.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

23.10.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-latrina pubblika tal-pjazza fejn qal li l-kunsill irid jieħu deċiżjoni jekk din il-latrina mhux ser tingħalaq u titneħħa jew inkella tibqa miftuħa fejn hi, pero jrid isir *refurbishment* qawwi fuqha jekk ma tingħalaqx. Huwa qal li f'każ li jiġi deċiż li jsir *refurbishment* huwa ser jagħmel kuntatt mal-Ministeru tat-Turiżmu biex il-kunsill forsi jingħata għajnuna bir-r*efurbishment*. Pero huwa qal li din hija diskussjoni għal seduta oħra fejn ser jitella item apposta għad-diskusjoni fuq din il-materja.

23.10.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ġibdet l-attenzjoni li fi Triq Kardinal Ferretti viċin il-*bus stop* nfetħet toqba żgħira fit-*tarmac* biex din timtela. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota u ser tgħid lil ħaddiema tal-kunsill.

23.10.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet *update* dwar il-proċess tal-Ħitan tas-sejjieħ u meta ser jitkompla x-xogħol. Is-Sindku nfurmaha kif ix-xogħol daqt jitkompla fil-jiem li ġejjien. Il-Kuntrattur qed jistenna li jkollu f'idejh ir-*road permit mingħand* TM biex jibda jaħdem fuq l-ewwel biċċa ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Ħalmann. Saret anke konsultazzjoni mas-sidien tal-għelieqi.

23.10.5 Il-laqgħa ntemmet fil-6:16pm.

23.10.6 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 08 ta' Frar 2021 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:00pm onaljn.

Konfermati, illum it-Tnejn 08 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |